**369. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali l-Onor Louis Grech jipproponi li:**

Din il-Kamra:

- **TQIS** illi huwa meħtieġ li l-metodi tax-xogħol tagħha għandhom jiġu aġġornati sabiex il-proċess parlamentari jkun aktar effiċjenti u effettiv skont l-esiġenzi ta' Parlament modern u taż-żminijiet tal-lum;

- **TINNOTA** li fil-leġiżlaturi preċedenti kienet ilha tinħass il-ħtieġa li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra għandhom jiġu aġġornati biex it-tmexxija tal-proċeduri tal-Kamra tkun aktar prattika u aktar diretta lejn ħidma effettiva;

- **U GĦALHEKK TIRRIŻOLVI** li minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, u/jew ta' xi riżoluzzjoni oħra tagħha, matul din il-leġiżlatura u sax-xoljiment tagħha, għandhom japplikaw il-provvedimenti li ġejjin:

## TAQSIMA A

## Seduti

(i) Sakemm ma jingħatax avviż mod ieħor fil-mozzjoni tal-aġġornament u sakemm ma jkunx hemm mozzjoni proċedurali oħra, il-Kamra bħala regola ġenerali għandha tiltaqa' fis-6.00pm nhar ta' Tnejn, Tlieta u Erbgħa f'kull ġimgħa (ħlief fil-festi pubbliċi) bil-ħin tal-mistoqsijiet ikun sas-6.30pm u bil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun fid-9.00pm.

(ii) Illi fl-istess ġurnata tista' tinżamm seduta kemm filgħodu u kemm wara nofsinhar, minbarra dik ta' filgħaxija.

(iii) Illi s-seduti li jsiru t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa filgħaxija jistgħu jissejħu qabel is-6.00pm u għandhom jibdew mhux iktar kmieni mis-2.00pm, b'dan però li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ma jkunx iktar tard mid-9.00pm.

(iv) Illi fil-każ tas-seduta ta' filgħodu din tibda fid-9.00am bil-ħin tal-mistoqsijiet ikun sad-9.30am u bil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun f'nofsinhar u fil-każ tas-seduta ta' wara nofsinhar din tibda fis-1.30pm bil-ħin tal-mistoqsijiet ikun sas-2.00pm u bil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun fl-4.30pm."

(v) Illi seduta tista' tissejjaħ f'kull jum tal-ġimgħa barra nhar ta' Ħadd u fil-Festi Pubbliċi.

(vi) Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis għandha tapplika l-alternanza bejn xogħol tal-Gvern u xogħol ta' Membri Privati;

Kemm il-Gvern kif ukoll il-Membri Privati għandhom il-jedd li jutilizzaw seduta waħda f'perjodu ta' tliet xhur kull wieħed u jekk naħa waħda jew l-oħra ma tutilizzax din is-seduta tal-Ħamis fit-tliet xhur li jkun imissha, dan il-jedd jirriverti lura lejn il-parti l-oħra; l-ewwel perjodu ta' tliet xhur jibda jiddekorri hekk kif din il-Mozzjoni tiġi approvata mill-Kamra, b'dan illi l-ewwel perjodu jkun għal xogħol tal-gvern.

Illi sabiex in-naħa l-waħda jew l-oħra tutilizza s-seduta tal-Ħamis fit-tliet xhur li jkun imissha, bla ħsara għall-Ordni Permanenti 22, min ikun imissu jutilizza s-seduta tal-Ħamis għandu jagħti avviż ta' mill-inqas sebat ijiem lill-Iskrivan tal-Kamra;
Iżda illi dan il-perjodu ta' tliet xhur ma jinkludix il-ferjat tal-Milied, tal-Għid u tas-Sajf;
Iżda jekk il-parti li jkollha l-jedd illi tlaqqa' l-Kamra f'seduta nhar ta' Ħamis tutilizza din is-seduta, l-alternanza favur il-parti l-oħra tibda tapplika minn dik is-seduta;
Iżda wkoll li dik l-alternanza ma tapplikax għal matul il-ġranet mogħtija għal xogħol finanzjarju relatat mal-Estimi Ġenerali jew f'każ li l-ġurnata tal-Ħamis tiġi mogħtija biex tkun diskussa materja li tkun qamet b'mozzjoni għall-Aġġornament tal-Kamra fuq ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti.

## <u>TAQSIMA B</u>

### <u>*Quorum*</u>

(i) *Quorum* tal-Kamra jkun magħmul minn ħmistax-il Membru minbarra l-persuna li tkun tippresjedi s-seduta;

(ii) Iżda jekk f'xi seduta tal-Kamra xi Membru li jkun preżenti jiġbed l-attenzjoni tal-persuna li tkun qed tippresjedi s-seduta dwar in-nuqqas ta' *quorum*, il-Kamra tiġi sospiża għal ħmistax-il minuta, iżda jekk waqt dik is-sospensjoni jiġi verifikat li jkun hemm *quorum*, il-persuna li tkun qed tippresjedi l-Kamra għandha terġa' tieħu postha u wara li taċċerta ruħha li jkun hemm *quorum*, minnufih tordna li s-seduta tkompli. F'dan il-każ il-ħin li fih il-Kamra tkun sospiża għandu jiżdied mas-seduta.

(iii) Iżda wkoll jekk il-persuna li tkun qed tippresjedi s-seduta tiżgura ruħha illi l-*quorum* tal-Kamra jkun għadu mhux preżenti wara s-sospensjoni ta' ħmistax-il minuta, il-Kamra għandha tiġi aġġornata mingħajr votazzjoni għas-seduta ta' wara u l-ħin ta' dak l-aġġornament kif ukoll l-ismijiet tal-Membri preżenti għandhom jitniżżlu fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

(iv) Meta l-President ta' Kumitat tal-Kamra kollha jirrapporta li, mingħajru, ma jkunx hemm 15-il Membru, l-iSpeaker għandu jerġa' jieħu postu u għandu, wara li jgħaddu ħmistax-il minuta, jgħodd il-Membri preżenti fil-Kamra, u

(a) jekk 15-il membru, mhux magħdud l-iSpeaker, ma jkunux preżenti, għandu jaġġorna l-Kamra, mingħajr votazzjoni qabel, għas-seduta ta' wara, u l-ħin ta' dak l-aġġornament kif ukoll l-ismijiet tal-Membri preżenti għandhom jitniżżlu fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

(b) jekk 16-il Membru, mhux magħdud l-iSpeaker, ikunu preżenti l-Kamra terġa' tirriżolvi ruħha f'Kumitat; u

(c) jekk 15-il Membru, mhux magħdud l-iSpeaker, ikunu preżenti, il-Kamra tista' tkompli tagħmel xogħol ieħor;

Iżda jekk waqt is-sospensjoni fuq imsemmija ta' ħmistax-il minuta, jiġi verifikat li jkun hemm *quorum* kif indikat fil-paragrafu (b) il-persuna li tkun qed tippresjedi l-Kamra għandha terġa' tieħu postha u wara li taċċerta ruħha li jkun hemm il-*quorum*, minnufih tordna li l-Kamra terġa' tirriżolvi ruħha f'kumitat.

# TAQSIMA C

## Votazzjonijiet

(i) Illi bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ii) ta’ din it-Taqsima, kull votazzjoni b'*division* li tintalab *ai termini* tal-Ordni Permanenti 83, irrispettivament minn liema seduta tintalab, tittieħed fis-seduta li jmiss tal-Erbgħa filgħaxija, u jekk tintalab fis-seduta tal-Erbgħa filgħaxija, il-votazzjoni tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dik l-istess seduta. F'każ li jkun hemm iktar minn votazzjoni waħda hekk posposta għal nhar ta' Erbgħa, dawn jittieħdu fl-ordni kronoloġiku tagħhom ta' meta ssejħu; Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma japplikawx għal meta *division* tissejjaħ f’xi kumitat parlamentari;

Illi fil-mozzjoni tal-Aġġornament tas-seduta li tkun tiġi minnufih qabel dik ta' nhar ta' Erbgħa filgħaxija, jista' jiġi provdut permezz ta' avviż, illi l-votazzjoni mitluba taħt l-Ordni Permanenti 83 tittieħed f'seduta differenti mill-ewwel seduta li jmiss ta' nhar ta' Erbgħa filgħaxija, u li dik il-votazzjoni tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dik is-seduta;

Iżda dik is-seduta ma tkunx f'data iżjed tard mill-Erbgħa ta’ wara filgħaxija;

(ii) Illi meta *division* tintalab fuq xi klawsola ta' abbozz ta' liġi fi stadju ta' Kumitat tal-Kamra kollha, u l-votazzjoni tiġi posposta skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel dan is-sub-paragrafu, min ikun qed jippresjedi l-Kumitat għandu jgħaddi għall-klawsola li jmiss u klawsoli sussegwenti tal-Abbozz, irrispettivament mill-posponiment tal-votazzjoni b'*divisio*n; u

(iii) Illi kull votazzjoni skont l-Ordni Permanenti 83 li tittieħed skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti għandha tidher fl-ordni tal-ġurnata ta' dik is-seduta meta tkun se tittieħed il-votazzjoni hekk posposta;

(iv) Illi mistoqsijiet konsegwenzjali għar-riżultat ta’ votazzjoni meħuda *a tenur* tal-Ordni Permanenti 83 ikunu jistgħu jitqiegħdu immedjatament wara u jekk jintalbu votazzjonijiet dwarhom, dawn jittieħdu bl-istess mod, sakemm il-Kamra ma tiddeċidix xort’oħra. Il-ħin li jittieħed għal dawn il-votazzjonijiet jiżdied mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol.”.

16.07.16

**F'Seduta 422 tat-Tnejn, 25 ta' Lulju 2016 l-Onor. Godfrey Farrugia ressaq din l-Emenda "A":**

Il-mozzjoni ta' proċedura 369 kif imressqa għandha tiġi emendata kif ġej:

1. Fil-paragrafu (i) tat-taqsima Ċ tagħha minnufih wara l-kliem "tittieħed fis-seduta li jmiss tal-Erbgħa filgħaxija" għandu jidħol il-kliem "fil-ħin tal-interuzzjoni tax-xogħol".

2. Minnufiħ wara t-Taqsima Ċ għandha tiżdied din it-taqsima li ġejja:

**TAQSIMA D**
**Limiti ta' żmien għad-diskorsi**

(i) Ebda membru ma għandu jitkellem għal iżjed minn nofs siegħa f'ħin wieħed waqt diskussjoni fil-Kamra ħlief fuq mozzjoni diretta ta' nuqqas ta' fiduċja, meta membru jkun jista' jitkellem għal siegħa:

Iżda din ir-regola ma tgħoddx għal Ministru li jkun qed jagħmel id-Dikjarazzjoni Finanzjarja jew għall-Kap tal-Oppożizzjoni jew xi membru mqabbad minnu biex jitkellem l-ewwel wieħed bi tweġiba għal dik id-dikjarazzjoni, meta kull wieħed minnhom ikun jista' jitkellem għal siegħa;
Iżda wkoll li din ir-regola ma tgħoddx għal membru li jressaq it-tieni qari ta' abbozz ta' liġi, jew għall-Prim Ministru jew għall-Kap tal-Oppożizzjoni jew xi membru mqabbad minnhom rispettivament biex jitkellem l-ewwel wieħed bi tweġiba għal dik il-mozzjoni, meta kull wieħed minnhom ikun jista' jitkellem għal siegħa;
Iżda wkoll li d-diskors b'replika, meta dik ir-replika tkun permessa, ta' membru li jkun ressaq mozzjoni ma għandux ikun ta' iżjed minn nofs siegħa;
Iżda wkoll illi bil-kunsens tal-Kamra li jiġi deċiż bla diskussjoni, membru jista' jinstema' għal perjodu ieħor ta' mhux iżjed minn nofs siegħa.
B'dan illi ebda ħaġa li hemm fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandha tiftiehem li tissospendi xi ordnijiet permanenti tal-Kamra dwar l-għeluq jew l-irrilevanza jew ir-ripetizzjoni.

3. Minnufiħ wara t-Taqsima D għandha tiżdied din it-taqsima li ġejja:

**TAQSIMA E**
**Stqarrijiet Ministerjali**

Stqarrija Ministerjali tista' ssir kemm mill-Prim Ministru, Ministru jew Segretarju Parlamentari. Il-forma ta' Stqarrija Ministerjali għandha tkun li min ikun qed jagħmel l-istqarrija jagħmel ir-rimarki fil-bidu u dawn ir-rimarki jistgħu jkunu wkoll disponibbli bil-miktub. Wara r-rimarki tal-bidu, jistgħu jsiru biss mistoqsijiet dwar is-suġġett tal-istqarrija ministerjali minn Membri Parlamentari li m'għandhomx kariga fl-Eżekuttiv. L-ewwel kelliem li jirrispondi għall-Istqarrija Ministerjali jkun jista jieħu l-massimu ta' għaxar minuti. Il-Membri ta' wara jkollhom massimu ta' tlett minuti kull wieħed. Wara l-mistoqsijiet il-persuna li tkun għamlet l-istqarrija għandha tindirizza l-punti mqajjma in konnessjoni mal-Istqarrija Ministerjali.

**Emenda għaddiet b'votazzjoni f'Seduta 422 tat-Tnejn, 25 ta' Lulju 2016**